MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 234/2003

**Muscat Motors Limited**

**Vs**

**Anthony Zammit u Lourdes Zammit**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenut ihallasha s-somma t'elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500), bilanc ta' prezz ta' vettura tal-marka Citroen Xsara SX2.0 HDi, bin-numru ta' registrazzjoni SIZ – 459 mibjugha u konsenjata lil konvenut Anthony Zammit, u dan kif anke jirrizulta mill-fatt li cekk mahrug mill-konvenuti (kopja annessa mal-avviz w immarkata Dok "A") fl-ammont t'elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500) ma ssarrafx meta gie pprezentat il-Bank.

Bl-imghaxijiet legali mill-hmistax (15) ta’ Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra kontra l-konvenuti li huma ngunti ‘n subizzjoni.

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew is-segwenti:-

*1. Illi l-eccipjenti jecepixxu li l-hlas indikat fl-avviz ipprezentat mis-socjeta attrici ma sarx minn naha taghhom stante li l-imsemmija vettura ma kienitx tal-kwalita patwita u dana ghaliex kien fiha diversi difetti, inter alia daqqa fil-bieba tal-passigier, daqqa fix-chassis, ghafsa fil-bieba tas-sewwieq, marki w ghafsiet fuq il-bumper w ghalhekk il-prezz ghandu jigi ridott tenendo kont l-imsemmija difetti.*

*2. Illi l-eccipjenti jecepixxu illi m’hemm l-ebda raguni indikata fl-avviz ghalfejn l-imghaxijiet legali ghandhom se mai u fl-aghar ipotesi jiddekorru mid-disgha w ghoxrin (29) t’Awwissu 2002.*

3. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi bil-ligi*.”

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Anthony u Lourdes Zammit fejn iddikkjaraw is-segwenti:-

1. Peress illi l-konvenuti rikonvenzjonanti akkwista vettura tal-ghamla Citroen Xsara SX2.0 Hdi bin-numru ta’ registrazzjoni SIZ-459 minghand is-socjeta attrici rikonvenzjonata.

2. U premess illi din il-vettura giet ikkonsenjata lill-konvenuti rikonvenzjonanti fi stat mhux tal-kwalita miftiehma u dana ghaliex kien fiha s-segwenti difetti; daqqa fil-bieba tal-passiggier, daqqa fic-*chassis*, ghafsa fil-bieba tas-sewwieq, marki w ghafsiet fuq il-*bumper*.

3. U premess illi dawn id-difetti naqqsu serjament il-valur tal-vettura mixtrija tant illi l-konvenuti rikonvenzjonanti qatt ma kienu se jakkwistaw din il-vettura

ghal prezz pattwit w ghalhekk il-prezz ghandu jigi ridott tenendo kont l-imsemmija difetti.

Il-konvenuti rikonvenzjonanti talbu lis-socjeta attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-vettura Citroen Xsara SX2.0 Hdi bin-numru tar-registrazzjoni SIZ-459 akkwistata mill-konvenuti rikonvenzjonanti m'hix wahda tal-kwalita pattwita; u

2. Tillikwida d-difetti kollha rizultanti fil-vettura hekk kif fuq inghad; u

3. Tiddikjara illi l-istess prezz tal-vettura hawn fuq indikata ghandu jigi ridott bl-ammont rizultanti mit-tieni talba; u

4. Tikkundanna jekk ikun il-kaz is-socjeta attrici rikonvenzjonanti thallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti l-ammont hekk likwidat.

Ghal fini ta' kompetenza, it-taba ma teccedix it-tlett elef lira Maltin (Lm3,000).

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici rikonvenzjonata.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta attrici rikonvenuta ghall-kontro talba tal-konvenuti rikonvenzjonati Anthony Zammit et fejn eccepew is-segwenti:-

1. Fl-ewwel lok in-nullita tat-talbiet tal-konvenuti stante li dawn g

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju, ma jirrikorrux l-elementi rikjest

3. Fit-tielet lok u bla pregudizzju, stante li l-eccezzjoni ta' kwalit

4. Fir-raba lok u bla pregudizzju, l-allegati fatti li fuqhom hija bb

5. Fil-hames lok u bla pregudizzju, t-talbiet tal-konvenuti ma jis
tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. Fis-sitt lok u bla pregudizzju, it-talbiet tal-konvenuti huma nfo

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici rikonvenuta dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames eccezzjonijiet taghha ghall-kontro talba tal-konvenuti Anthony Zammit et ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Novembru 2003.

Rat in-nota ta' twegiba tal-konvenuti rikonvenzjonanti Anthony u Lourdes Zammit ghan-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici rikonvenzjonata dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames eccezzjonijiet issollevati dwar il-kontro talba maghmula minnhom ipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar id-dsatax (19) ta' Dicembru, 2003.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta, datat erbatax (14) ta' Jannar, 2004 fejn innominat lill-espert tekniku Colin Cassar sabiex wara li jezamina l-vettura 'n kwistjoni jisma lil kontendenti u jelenka n-nuqqasijiet li jista jirriskontra u jirrelata dwar jekk dawn jeffettwawx il-kwalita pattwita bl-ispejjes provisorjament a karigu tal-konvenut.

Illi fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Gunju 2006 deher il-Perit Tekniku u halef ir-relazzjoni mhejjija minnu u li kienet giet ipprezentata fid-disgha (9) ta' Gunju, 2006.

Illi minn ezami ta' din ir-relazzjoni esebita fol. 46 et sequitur jirrizulta s-segwenti:-

*a) "Illi d-difetti prezenti fuq il-vettura 'n kwistjoni huma ta' natura hafifa.*

*b) Illi hija possibilta li meta jigu mpurtati karozzi go pajjizna, huma eligibbli li jgarrbu difetti ta' natura simili. Il-vetturi godda, meta jigu mtellghin mix-xatt, in generali, jigu misjuqa fuq it-toroq. Fl-opinjoni tal-esponent, id-daqqiet prezenti fuq in-naha tax-xellug setghu gew ikkagunati min titjir ta' materjal li jkun prezenti fuq it-toroq.*

*c) L-esponent ma jidhirlux li dawn id-difetti ghandhom jeffettwaw il-kwalita pattwita. Waqt l-access, il-konvenut stqarr li meta giet ikkonsenjata l-vettura lilu, u harigha mill-istabbiliment tas-socjeta attrici, nnota d-difetti meta wasal fl-ewwel destinazzjoni tieghu.*

*d) Illi d-difetti ndikati mill-konvenut fir-rigward tal-vettura 'n kwistjoni, jirrendu l-vettura tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba.*

*e) Illi d-difetti ndikati jistghu jigu rrangati skond is-sengha w l-arti, minghajr ma jkollhom effett negattiv fuq il-valur tal-vettura, meta dan jigi mqabbel ma vettura tal-istess ghamla u tip.*

*f) Illi biex jigu rrangati d-difetti kollha ndikati mill-konvenut skond is-sengha u l-arti – inkluz vettura sostituta, il-valur globali huwa ta' circa mitejn u wiehed u sebghin liri Maltin u erbghin centezmi (LM271.40)."*

Illi ghalhekk, fl-opinjoni tal-espert, jistghu, jew:-

*(i) "Jigi imnaqqas l-ammont hawn fuq indikat ta' mitejn wiehed u sebghin liri Maltin u erbghin centezmi (LM271.40) mill-prezz tal-vettura*.

Jew

*(ii) Jigu rrangati d-difetti li fuqhom hemm kwistjoni (liema difetti qeghdin jigu msemmija hawn fuq) ghas-spejjez tas-socjeta attrici."*

**Colin Cassar**, l-espert nominat mill-Qorti, u li jahdem bhala *surveyor* mas-socjeta GasanMamo Insurance, xehed nhar il-hdax (11) t'April 2007 w ikkonferma li huwa kien ezamina l-vettura mertu tal-kawza odjerna nhar il-wiehed w ghoxrin (21) t'April 2006. Mistoqsi jekk id-difetti li fiha l-vettura kienux tali li setghu gew kagunati bit-trasbord u l-manifattura tal-vettura jew jekk kienux tali li setghu saru bis-sewqan tal-akkwirent, jghid li setghu kienu kagun tat-tnejn. Huwa stqarr ukoll li vettura gdida ghandha idejalment tkun minghajr difetti. Ikkonferma li

minkejja d-difetti msemmija minnu fil-paragrafu 10c tar-relazzjoni tieghu, l-vettura xorta tibqa gdida. Ikkonferma wkoll li l-vettura kellha hsarat minimi u li ma jaffettwawx il-kwalita patwita taghha. Dawn id-difetti jistghu jigu rrangati u l-vettura tigi gdida daqslikieku harget direttament mill-fabbrika. Qal li d-difetti li kien hemm ma kellhom l-ebda sinjal li dawn setghu gew imbaghbsa qabel.

**Louis Dalli** prodott mis-socjeta attrici xehed nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Novembru 2007 fejn qal li huwa mpjegat bhala *sales manager* mas-socjeta attrici u kien hu inkarigat mill-bejgh tal-vettura Citroen Xsara lill-konvenuti u fil-fatt esebixxa kopja tal-kuntratt li gie mmarkat bhala Dok. MM. Qal ukoll li kien ghad fadal bilanc ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500) x'jithallas, liema ammont baqa ma thallasx mill-konvenuti. Jispjega li l-konvenuti kienu baghtu cekk f'dan l-ammont, liema cekk pero ma ssarrafx. Ghalhekk, illum il-gurnata, s-socjeta attrici fadlilha tigbor is-somma ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500). Mistoqsi jghid jekk kienx jaf x'inhi r-raguni l-ghala l-konvenuti baqghu ma hallsux dan l-ammont, huwa stqarr illi "*ir-raguni hija li l-konvenut sab ghafsa fuq il-karozza*". Dan l-ammont baqa ma thallasx minkejja li l-konvenuti kienu gew interpellati jaghmlu dan b'ittra ufficjali datata dsatax (19) ta' Novembru, 2002 (Ara Dok. MML 1).

Fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Jannar, 2009 dan ix-xhud rega' gie riprodott, u stqarr li l-ghada li l-konvenut kien ha l-vettura mix-*showroom*, huwa kien cempillu u qallu li kien hemm *dent* fir-*running board*. Huwa talbu biex jehodlu din il-vettura sabiex ikun jista jnizzel notament u jirrangahielu *free of charge*.

Ix-xhud zied ighid illi huwa kien prezenti meta l-vettura giet rilaxxjata. Qal li jiftakar li kien hemm xi barxa fuq il-*bumper* izda ma jiftakarx li kien ra l-ghafsa. Qal li kien hemm ukoll *dent* fuq ir-*running board* kif muri fil-ktieb esebit u mmarkat bhala Dok. MML 2.

In kontr'ezami nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Jannar 2009 hu kkonferma li l-kitba fuq il-librett esebit kienet tieghu u kien kiteb dak li kien qallu l-klijent. Qal ukoll li lill-

klijent kien qallu li kien lest li jirrangalu d-difett li kien hemm *free of charge*.

**Paul Borg** xehed nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2008 u qal li huwa gar tal-konvenut Anthony Zammit. Ftakar li Anthony Zammit kien xtara vettura gdida minghand Muscat Motors u kien innota li ghalkemm il-vettura kienet ghada gdida, din kellha ghafsa u barxa. Qal li xi jiem wara li kien ra din il-vettura, huwa kien akkompanja lil konvenut ghand Muscat Motors u kienu ltaqghu ma xi *personnel* tas-socjeta attrici. Stqarr li f'din l-okkazjoni s-socjeta attrici kienet offrietlu li taqlalu l-bieba u taghtih bieba gidida ta' vettura li kellhom fix-*showroom* izda l-konvenut ma riedx, ghaliex xtaq vettura gdida.

**Il-konvenut Anthony Zammit** xehed ukoll fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2008 fejn spjega li qabel ma kien xtara l-vettura w iffirma l-kuntratt relattiv, kien ra u spezzjona l-vettura. Mal-iffirmar tal-kuntratt huwa kien tahom ukoll *deposit* ta' mitt lira Maltin (LM100). Il-kuntratt huwa dak esebit u mmarkat bhala Dok. 'Z'. Zied ighid li l-kuntratt iffirmah fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Lulju 2002 u fit-tmienja w ghxorin (28) ta' Lulju 2002 hareg il-vettura de quo. Qal li meta harigha, hadha d-dar u wriha lil gar tieghu Paul Borg u dan minnufih innota li kellha ghafsa fuq il-bieba u l-*bumper*. Huwa ghalhekk mar minnufih ghand s-socjeta attrici u talabhom vettura gdida, izda qalulu li ma kienx intitolat ghal wahda, ghalkemm kitbulu fil-*log book* il-hsara li kien hemm.

Sussegwentement ghal dan, huwa qal li zamm pagament ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2,500) sabiex jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Filwaqt li l-konvenut jistqarr li huwa jaqbel ma dak li rrelata l-perit tekniku dwar in-natura tal-hsarat, huwa xorta wahda hass li s-socjeta attrici dahqet bih, ghaliex filwaqt li min ghalih xtara vettura gdida, din kellha xi difetti. Il-konvenut esebixxa wkoll dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. 'S' li jindika l-laqgha li kellu mas-socjeta attrici 'n konnessjoni ma din il-vettura.

Nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2008 il-konvenut rega' xehed u kkonferma li waqt l-access li zamm il-Perit Tekniku, huwa kien ghaddielu xi dokumenti fosthom il-librett mahrug mis-socjeta attrici fejn kien hemm imnizzel id-difetti li kien hemm fuq il-vettura, kif iffirmat minn dirigent tas-socjeta attrici. Ikkonferma li huwa kien xtaq li jinghata vettura gdida, izda meta ra li ma setax jiehu vettura gdida, huwa ghamel trattativi "*biex nara x'nista niehu*". Huwa pprezenta kopja t'ittra li l-avukat tieghu kien baghat lis-socjeta attrici li giet immarkata bhala Dok. 'Z'.

Rat il-verbal tal-Qorti datat hdax (11) ta' Marzu 2009 fejn il-partijiet ivverbalizzaw is-segwenti:

"*Meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet, Dr. Edward Zammit Lewis ghall-konvenut u Dr. Louis Thompson li qablu li din il-kawza tkun limitata dwar it-talba attrici, l-ecccezzonijiet tal-konvenut u l-ewwel talba rikonvenzjonali biss – b'dan li jekk it-talba rikonvenzjonali tigi milqugha, l-Qorti tghaddi biex testendi l-inkarigu tal-perit ai fini tat-talbiet kollha rikonvenjzonali.*"

Rat in-nota tal-konvenut rikonvenzjonanti konjugi Zammit pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hdax (11) ta' Mejju 2009 u n-nota responsiva tas-socjeta attrici rikonvenzjonata pprezentata nhar l-erbatax (14) ta' Settembru 2009.

Semghet lil Dr Thompson fis-seduta tas-sittax (16) ta' Settembru 2009 jitlob lil Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti giet mitluba sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm2,500 ekwivalenti ghal €5,823.43 u dan bhala bilanc ta' prezz ta' vettura tal-marka Citroen Xsara SX2.0Hdi, bin-numru ta' registrazzjoni SIZ-459.

Il-konvenuti ressqu l-eccezzjoni li l-vettura mibjugha ma kienitx tal-kwalita pattwita u dan ghaliex kien fiha diversi

difetti. Talbu ghalhekk il-konvenuti sabiex il-prezz dovut jigi ridott tenut kont l-imsemmija difetti.

L-artikolu 1378 tal-Kodici Civili, jistipula li l-bejjiegh ghand fuq kollox zewg obbligi, jigifieri, li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-haga mibjugha. Da parti tieghu, x-xerrej ghandu d-dritt li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' Periti (Art. 1390 tal-Kodici Civili).

Inghad ukoll li tali rimedju huwa moghti lix-xerrej fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh u huwa abbinat mas-sitwazzjoni fejn jirrizulta li l-oggett hu differenti minn dak appattwit '*avente per base la cosa pattuita nel consenso del compratore*' (**Grima vs Von Kohen** – Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Frar, 1884);

Gie osservat ukoll, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza fl-ismijiet **Piscopo vs Filletti et** deciza fis-sittax (16) ta' Gunju, 2003 illi:-

"*Ghandu jigi osservat illi tezisti diskordanza fil-gurisprudenza taghna in subjecta materia. Dan ghaliex filwaqt li xi decizjonijiet isostnu li azzjoni ghar-rizoluzzjoni ta' bejgh mhux tal-kwalita pattwita hi ammessa tant jekk ix-xerrej ikun gja rceva l-konsenja kemm jekk le (Vol. XII/1; Vol. XXVI/i/193; Vol. XXXII/i.163; Vol. XXXIX/i/250, fost bosta ohrajn), ohrajn isostnu illi tali azzjoni ghar-rizoluzzjoni per inadempjenza ma tistax tigi sperimentata wara l-konsenja (Vol. XX/i/273; Vol. XXI/i/399 u Vol. XLIX/ii/955)*".

Ziedet tghid l-istess Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **Piscopo vs Filletti et**, sup.cit., illi:-

"*Fil-kawza fl-ismijiet **Diacono vs Galea** riportata a Vol. XVIII/iii/59 il-Qorti tal-Kummerc kienet hemm spjegat l-elementi tal-azzjoni taht l-artikolu tal-ligi kontemplat billi rriteniet illi dawn huma: (i) il-premessa esplicita ta' xi kwalita li l-kompratur kellu specjalment in mira; u (ii) li l-kompratur ikun ghad ma rceviex il-haga*". Jekk huwa

rcieva l-haga minghajr ebda protest, tinsorgi l-presunzjoni li hu sodisfatt.

Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Pace Asciaq vs Camilleri** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili per Onorevoli Imhallef Philip Sciberras fit-tmienja w ghoxrin (28) ta' Jannar, 2004 illi:-

"*Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili, jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f' kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz ta' l-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja tal-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni tal-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja*";

Issa f'dan il-kaz, il-konvenut m'iddepozitax il-vettura tieghu. Mill-atti peritali jirrizulta li l-hsarat li sofriet il-vettura tal-konvenut kienu ta' natura hafifa u ma kienux jaffettwaw il-kwalita pattwita. Mhux dubitat li l-partijiet kienu ftehmu fuq karozza u li din il-karozza li kienu ftehmu dwarha nghatat lill-konvenut. L-argument qam meta l-konvenut skopra li l-vettura appena konsenjata lilu kien fiha xi hsarat. Huwa qieghed jippretendi li jitnaqqas il-prezz tal-hsarat. Minn dak li gie ripurtat iktar il-fuq f'din is-sentenza pero, din l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kwalita pattwita ma tistax tintlaqa.

Ghall-istess ragunijiet hawn fuq moghtija, anke l-ewwel talba kontenuta fil-kontro-talba mressqa mill-konvenut ma tistax tintlaqa.

Ghar-rigward tal-imghaxijiet, jirrizulta li fil-hmistrax (15) ta' Novembru, 2002 gietipprezentata ittra ufficjali kontra l-

konvenut, liema ittra ufficjali giet notifikata fil-hamsa w ghoxrin (25) ta' Novembru, 2002.

F'din l-ittra ufficjali ntalab il-hlas tas-somma reklamata bl-avviz odjern ta' Lm2,500.

Ghalhekk il-Qorti issib ukoll din it-talba gustifikata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' hames elf tmien mija tlieta u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin ewro centezmi (€5,823.43) ekwivalenti elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) bl-imghaxijiet legali mill-hmistax (15) ta' Novembru, 2002.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------